VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,350, 2 ta' Diċembru, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 430 tal-2014**

**ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME***
**(KAP. 123)**

**Regoli tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income***

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2014 li jirrevokaw Leġislazzjoni Sussidjarja li saret taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Jirrevoka leġislazzjoni sussidjarja.

**2.** (1) Il-leġislazzjoni sussidjarja msemmija fis-subregola (2) hi b'dan revokata, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtha.

(2) Il-leġislazzjoni sussidjarja revokata huma dawn li ġejjin:

- ir-Regoli dwar Formuli Mixxellanji (L.S.123.04),
- l-Ordni dwar Eżenzjoni dwar *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp (L.S.123.22),
- l-Avviż dwar Tnaqqis għal Donazzjonijiet lil Istituzzjonijiet Filantropiċi Approvati (L.S.123.23),
- l-Ordni dwar Eżenzjoni dwar l-*Investment Finance Bank Limited* (L.S.123.25), u
- l-Ordni ta' Eżenzjoni dwar *Bearer Debenture Stock* (L.S.123.31).